MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 289/2014

**Illum l-20 ta' Mejju, 2014.**

**Rikors Numru 289/14 SM**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 475/2014 fl-ismijiet:**

**Michael Micallef**

**(karta ta' l-identita` numru 667162 (M))**

**vs**

**Laferla Insurance Agency Limited**

**(C – 14529)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors tas-socjeta` esekutata fuq riferita datat it-8 t'April, 2014, li permezz tieghu, sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi l-esekutant Michael Micallef talab u ottjena mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi biex jikseb il-hlas tas-somma komplessiva indikata fl-istess mandat;

1.2 Illi r-raguni ghall-istess tirrileva li hi ibbazata fuq ittra ufficjali datata l-25 ta' Frar, 2014, u dan, *a tenur* tal-artiklu 10(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.3 Illi l-esekutant fuq riferit kien involut f'incident stradali fl-14 t'April, 1989, ma' vettura li min kien qed isuqha ma kienx kopert minn polza assikurattiva minhabba l-eta`;

1.4 Illi l-esekutant *de quo* kien intavola procedura legali, deciza favur tieghu fit-3-ta' Marzu, 2010, li ghaddiet in gudikat;

1.5 Illi permezz tas-sekwestru in dizamina l-esekutant Micallef qed jipprova irendi l-istess esekuttiva tramite l-ittra gudizzjarja fuq riferita u qieghed ukoll jittenta jezegwixxi l-istess tramite l-mandat fuq riferit;

1.6 Illi bis-sahha tal-procedura odjerna s-socjeta` esekutata qed tipprova thassar il-mandat in dizamina, u dan stante:

1.6.1 Illi l-mandat mitlub ma jikkonformax mal-Ligi peress li ma jindikax korrettement it-titolu ezekuttiv li qieghed jigi esegwit;

1.6.2 Illi l-esekutat ma jippossjedi l-ebda titolu esekuttiv kontra s-socjeta` esekutata;

1.7 Illi in vista tal-premess, is-socjeta` esekutata qed tipprevalixxi ruhha mill-artiklu 281 tal-Kap 12 tal-Lgiijiet ta' Malta u:

1.7.1. Titlob li l-att esekuttiv *de quo* jithassar;

1.7.2. B'riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri;

2.0 Rat ir-risposta tal-esekutant Michael Micallef datata l-21 t'April, 2014, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1 Illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez;

2.2 Illi gia` inhareg il-kontro-mandat relattiv ghall-mandat in dizamina, u dan fil-15 t'April, 2014;

2.3 Illi l-HSBC gia` iddepozita l-flus relattivi;

2.4 Illi s-sottomissjonijiet tas-socjeta` esekutati hawn rikorrenti m'humiex legalment sostenibbli;

3.0 Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` esekutata datat it-8 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu informa lill-qorti bis-segwenti:

3.1 Illi minhabba zviluppi li sehhew, irtira t-talba fil-mertu;

3.2 Illi nonostante s-suespost, zamm ferm it-talba rigwardanti l-ispejjez, (ara fol 12);

Ikkunsidrat:

4. Illi tenut kont tal-verbal tas-socjeta` esekutata fuq riferit jigi sottlineat li l-vertenza odjerna hi issa biss limitata ghal decizjoni rigwardanti l-ispejjez;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-procedura odjerna effettivament ghandha l-gheruq taghha f'incident awtomobilistiku li sehh fl-14 t'April, 1989, (ara fol 1);

7. Illi din il-procedura hi straxxiku inutili li hi effettivament naxxenti hamsa u ghoxrin (25), sena ilu – haga li m'ghandhiex tkun;

8. Illi nonostante sentenza li ghaddiet in gudikat ghaliex l-appell mar desert, illum dawn il-qrati ghadhom kolpiti b'xi mod b'vertenza naxxenti mill-istess sors;

9. Illi s-socjeta` esekutata tidher li espletat l-oneri taghha u jirrizulta assodat li l-esekutant ha dak lilu dovut skont il-ligi;

10. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku li sekwestru wara tant snin jirrizulta superfluwu, *molto piu`*, stante li l-ammont dovut lilu gia` gie mhallas skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

11.0 Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost, filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjeta` esekutata rikorrenti, tirrespingi r-risposti tal-esekutant intimat u konsegwentement:

11.1 Tordna li l-mandat ta' sekwestru in dizamina jithassar u jigi revokat ghal kollox;

11.2 Bl-ispejjez tal-istess kontra l-esekutant intimat Michael Micallef.

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------